







Ċarezza fl-azzjoni: Appoġġ lill-partijiet ikkonċernati permezz ta' gwida u djalogu

Sommarju eżekuttiv - Rapport annwali 2025



Punti Ewlenin 2025:

JANNAR

Linji gwida dwar il-pseudonimizzazzjoni

JANNAR

Rapport tal-FNE 2024
dwar id-dritt ta' aċċess

MARZU

It-tnedija tal-FNE
2025 dwar id-dritt
għat-tħassir

APRIL

Linji gwida
dwar il-blockchain

MEJJU

Opinjoni dwar l-abbozz ta'
deċiżjoni ta' adegwatezza
tal-Kummissjoni rigward
l-Organizzazzjoni Ewropea
tal-Privattivi (EPO,
European Patent
Organisation)

LULJU

Opinjoni Konġunta
dwar l-abbozz ta'
Regolament dwar miżuri
ta' simplifikazzjoni għall-
SMEs inkluż l-obbligu
taż-żamma ta' rekords

LULJU

Dikjarazzjoni ta' Helsinki

СЕПТЕМВРИ

Насоки относно взаимодействието между Акта за цифровите услуги и ОРЗД

ОКТОМВРИ

Съвместни насоки относно взаимодействието между Акта за цифровите пазари и Общия регламент относно защитата на данните

ОКТОМВРИ

Становище по проектите за решения за адекватното ниво на защита относно Обединеното кралство

НОЕМВРИ

Становище по проекта за решение за адекватното ниво на защита относно Бразилия

ДЕКЕМВРИ

Проява на заинтересованите страни относно анонимизацията и псевдонимизацията

ДЕКЕМВРИ

Препоръки относно създаването на потребителски профили на уебсайтове за електронна търговия

ДЕКЕМВРИ

Заместник-председател, отговарящ за изборите

FI-2025, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB, European Data Protection Board) opera f'xenarju diġitali li qed jevolvi malajr, imsawwar mill-espansjoni tal-qafas regolatorju diġitali tal-UE u minn żviluppi teknoloġiċi rapidi, b'mod partikolari

fi-intelliġenza artifiċjali. Dan l-ambjent saħħaħ il-ħtieġa għal gwida ċara, konsistenti u prattika mill-EDPB. Fuq dan l-isfond, il-Bord iffoka fuq it-tisħiħ taċ-ċertezza legali, is-simplifikazzjoni tal-konformità, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni, kemm fost l-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-Data (DPAs, Data Protection Authorities) kif ukoll ma' regolaturi oħra.

L-adozzjoni tad-**Dikjarazzjoni ta' Helsinki** mmarkat stadju importanti ewlieni, u stabbiliet direzzjoni ġdida għal approċċ aktar aċċessibbli, trasparenti u kollaborattiv għall-protezzjoni tad-data. B'riżultat ta' dan, il-Bord żviluppa għodod prattiċi bħal mudelli u FAQs.

Barra minn hekk, tejjeb il-proċessi ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati billi organizzat avvenimenti għall-partijiet ikkonċernati bħall-**avveniment dwar l-anonimizzazzjoni u l-psewdonimizzazzjoni ta' Diċembru 2025**, u billi ppubblikat b'mod sistematiku rapporti dwar il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati.

Prijorità ċentrali oħra kienet li tiġi ċċarata l-interazzjoni bejn il-GDPR u leġiżlazzjonijiet diġitali oħra, filwaqt li jiġi żgurati li l-innovazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali jimxu id f'id. Notevolment ġew adottati, **Linji gwida dwar l-interazzjoni mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA)**, **tħaddnu Linji gwida Konġunti dwar l-interazzjoni bejn l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA, Digital Markets Act) u l-GDPR**, u pprogressat ukoll il-ħidma fuq l-interazzjoni bejn il-GDPR u l-Att dwar l-IA.

L-EDPB ikkontribwixxa għall-iżviluppi leġiżlattivi, billi ta ħames opinjonijiet relatati mal-adeqwatezza, flimkien ma' opinjoni konġunta waħda tal-EDPB-EDPS dwar proposti ta' simplifikazzjoni leġiżlattiva. Huwa pparteċipa fid-dibattitu dwar l-Omnibus Diġitali. Barra minn hekk, huwa kompli jappoġġa l-armonizzazzjoni madwar l-Ewropa billi joħroġ 29 opinjoni ta' konsistenza skont l-Artikolu 64 (1) tal-GDPR. Il-Bord ippromwova standards għoljin ta' protezzjoni tad-data madwar id-dinja billi pparteċipa f'fora internazzjonali bħad-Diskussjoni madwar mejda tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data tal-G7 u l-Assemblea Globali tal-Privatezza, u permezz ta' 31 involviment ta' diskorsi internazzjonali mill-President u l-Viċi Presidenti.

L-appoġġ għal infurzar konsistenti u effettiv tal-GDPR baqa' wkoll prijorità ewlenija. L-EDPB saħħaħ il-kooperazzjoni fost id-DPAs permezz ta' diversi strumenti, inklużi l-Qafas ta' Infurzar Koordinat (CEF), il-Grupp ta' Appoġġ ta' Esperti (SPE) u taskforces iddedikati, li jiffaċilitaw azzjonijiet konġunti u l-kondiviżjoni tal-għarfien. Dan ikkontribwixxa għat-titjib tal-kooperazzjoni transfruntiera, l-appoġġ lid-DPAs fit-trattament ta' każijiet kumplessi u l-iżgurar tal-allinjament fil-prattiki ta' infurzar. FI-2025, inħolqu 414-il każ transfruntier fir-reġistru tal-każijiet tal-EDPB, u 1299 proċedura relatati mal- Punt Uniku ta' Servizz (l-Artikolu 60 tal-GDPR), li minnhom 572 wasslu għal Deċiżjonijiet Finali.

Is-Segretarjat tal-EDPB

Is-Segretarjat tal-EDPB kellu rwol ċentrali fi-attivitatijiet kollha tal-Bord billi pprova għarfien espert legali u tekniku flimkien ma' appoġġ amministrattiv u loġistiku.

Dan mexxa l-abbozzar ta' 21 opinjoni u kkontribwixxa għal tmien opinjonijiet oħra, filwaqt li appoġġa wkoll l-adozzjoni ta' tliet linji gwida ġodda, kif ukoll linja gwida waħda wara konsultazzjoni pubblika. Dan ikkontribwixxa għall-isforzi biex l-informazzjoni tal-GDPR issir aktar aċċessibbli għal udjenza usa' u mhux teknika, billi jiġu ppubblikati sommarji tal-linji gwida ewlenin għal udjenzi mhux esperti li jagħmlu l-gwida tal-EDPB aktar faċli għall-utent u aċċessibbli.

Huwa wettaq rwol f'attivitatijiet relatati mal-infurzar, u mexxiet l-attivitatijiet ta' litigazzjoni, bl-EDPB involut fi 15-il każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Is-Segretarjat żgura wkoll il-funzjonament bla xkiel tal-kooperazzjoni fost l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data (DPAs), b'mod partikolari permezz tal-forniment u l-ġestjoni ta' sistemi tal-IT u għodod operazzjonali.

Operazzjonalment, is-Segretarjat organizza aktar minn 500 laqgħa matul is-sena u ttratta żieda sinifikanti fit-talbiet għal appoġġ tekniku.

B'mod partikolari, huwa pproċessa aktar minn 10.000 inkjesta fis-sistemi tal-IT tal-EDPB, inklużi aktar minn 800 talba ta' appoġġ relatati mas-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI, Internal Market Information), biex b'hekk jiġu żgurati komunikazzjoni u kooperazzjoni effiċjenti fost id-DPAs.

Indirizz postali

Rue Wiertz 60, B-1047 Brussell

Indirizz tal-uffiċċju

Rue Montoyer 30, B-1000 Brussell



European
Data Protection
Board



edpb.europa.eu